European Commission

# Rakkomandazzjonijiet Finali

# PANEL TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

## Effiċjenza Enerġetika



# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika

# Rakkomandazzjonijiet finali

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**: Dan id-dokument jinkludi r-riżultati tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika. Dawn ġew strutturati skont l-oqsma tematiċi.

## Werrej

Bidla fl-informazzjoni u fl-imġiba ... 3
Opportunitajiet ġusti u ndaqs ... 4
Ir-rwol globali tal-UE u l-Istati Membri ... 5
Impjiegi u edukazzjoni ... 9
Infrastruttura ... 12
Bini ... 17
Trasport ... 18
Riżultati tal-valutazzjoni miċ-ċittadini tal-Panel ... 20

# Bidla fl-informazzjoni u fl-imġiba

**Rakkomandazzjoni Nru 1**

| **Nagħtu s-setgħa lill-konsumaturi biex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija** |
|---|
| Aħna nirrakkomandaw li l-informazzjoni li tiġi pprovduta lill-konsumaturi ssir aktar aċċessibbli, trasparenti u utilizzabbli, biex l-unitajiet domestiċi u l-organizzazzjonijiet jingħataw is-setgħa biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk nirrakkomandaw:<br>● portal online b'funzjoni ta' awtoawditjar biex jgħin lill-konsumaturi jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom rigward it-trasport, it-titjib fid-dar, u suġġerimenti b'kost baxx. Dan ikun jipprovdilhom pakkett ta' soluzzjonijiet, inklużi l-passi li jmiss u l-informazzjoni ta' kuntatt,<br>● network ta' punti uniċi ta' servizz fiżiċi fil-livell muniċipali (ċentri ċiviċi, libreriji) fejn ikun hemm esperti indipendenti disponibbli biex jagħtu segwitu. In-network ma għandux jiddiskrimina bejn iż-żoni rurali/urbani, u l-gruppi soċjali. Il-punt uniku ta' servizz għandu jipprovdi pariri dwar l-aspetti leġiżlattivi, finanzjarji, tekniċi, u l-fornituri ta' servizzi lokali. L-atturi lokali jkollhom il-kompitu li jxerrdu l-għarfien dwar is-servizz,<br>● tikketti dwar l-effiċjenza enerġetika aktar aċċessibbli fuq il-prodotti, li jkunu jinftiehmu minn kulħadd, inkluża informazzjoni dwar it-tul tal-ħajja tal-prodotti, u referenza għan-network ta' punti uniċi ta' servizz. |
| **Ġustifikazzjoni:**<br>Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti, minħabba li deċiżjonijiet xierqa jistgħu jittieħdu biss jekk ikollna informazzjoni idonea biex nibbażaw l-azzjoni tagħna fuqha. Din l-informazzjoni trid tkun tinftiehem u aċċessibbli għal kulħadd. Filwaqt li diġà jista' jkun hemm ħafna informazzjoni disponibbli, din spiss ma tkunx magħrufa, aħseb u ara kemm tkun tinftiehem minn kulħadd. Il-konsumaturi għandhom ikunu konxji tal-konsum tal-enerġija tagħhom u d-*data* proprja tagħhom, l-opzjonijiet disponibbli għalihom, l-ispejjeż ta' dawn l-opzjonijiet differenti, u s-servizzi u l-appoġġ disponibbli għalihom biex jgħinuhom isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. |

# Opportunitajiet ġusti u ndaqs

**Rakkomandazzjoni Nru 2**

| **Niffinanzjaw dritt ġust għar-rinnovazzjoni tad-djar relatata mal-enerġija** |
|---|
| Aħna nirrakkomandaw l-introduzzjoni ta' sistema tat-taxxa aktar vantaġġuża għas-sidien ta' proprjetajiet żgħar, sabiex l-inkwilini ma jitqisux bħala ostaklu għar-rinnovazzjoni ta' djarhom. Dan għandu jinkiseb permezz ta' ħelsien mit-taxxa fuq ix-xogħol u l-materjali skont l-introjtu tan-nies. Dawk bl-introjtu l-aktar baxx għandhom jirċievu l-aktar għajnuna.<br><br>Mekkaniżmi ta' sussidju għandhom jiġu pprovduti qabel ma jsir ix-xogħol jew f'pagamenti parzjali hekk kif ix-xogħol ta' rinnovazzjoni jibda jimxi 'l quddiem.<br><br>Jeħtieġ li l-gvernijiet jinvestu fl-akkomodazzjoni soċjali bl-użu ta' materjali effiċjenti fl-użu talenerġija u sostenibbli.<br><br>Id-dħul mit-taxxa tas-CO2 għandu jiġi allokat, parzjalment, għall-effiċjenza enerġetika (inkluż ix-xogħol ta' rinnovazzjoni). Il-kumpaniji multinazzjonali li jniġġsu aktar, għandhom jiġu ntaxxati kif xieraq.<br><br>Il-banek għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-kreditu għar-rinnovazzjoni enerġitika b'rata tal-imgħax imfassla apposta għall-introjtu. |
| **Ġustifikazzjoni:**<br><br>Il-ġustizzja soċjali tfisser li jkun hemm aċċess ekwu għall-enerġija u l-akkomodazzjoni. Illum, qed niffaċċjaw sitwazzjonijiet inaċċettabbli: xi persuni qed jgħixu f'faqar enerġetiku serju, u s-sidien tad-djar żgħar mill-klassi medja ma jibbenefikawx mill-għajnuna u s-sussidji biex jirrinnovaw la djarhom stess u lanqas il-proprjetajiet li jikru. L-inkwilini jħossuhom mingħajr setgħa li jagħmlu bidla. Aħna nsibuha intollerabbli li l-isforzi ma jiġux distribwiti b'mod ekwu u li għal xi wħud, l-għajxien f'kumdità termali huwa inaċċessibbli.<br><br>L-aċċess ekwu jagħmel l-effiċjenza enerġetika aktar affordabbli għal kulħadd u għaldaqstant se jikkontribwixxi għall-ġlieda kollettiva kontra t-tibdil fil-klima.<br><br>Illum, jeżistu mudelli ta' finanzjament għar-rinnovazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE, iżda mhux dejjem ikunu ottimali u mhux dejjem ikunu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-udjenzi fil-mira. |

# Ir-rwol globali tal-UE u l-Istati Membri

**Rakkomandazzjoni Nru 3**

| **Inżidu l-indipendenza u l-effiċjenza enerġetika, li ssir eżempju globali** |
|---|
| Aħna nirrakkomandaw li l-Unjoni Ewropea tinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija, inklużi s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex tikseb effiċjenza enerġetika ogħla. Dan jinkludi l-oqsma ta':<br>1. Il-produzzjoni tal-enerġija (idroġenu, fużjoni nukleari, eċċ.);<br>2. Il-ħżin tal-enerġija (batteriji);<br>3. It-trasferiment tal-enerġija; u<br>4. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija.<br>Nirrakkomandaw ukoll li l-UE tippromwovi l-użu ta' vantaġġi kompetittivi speċifiċi għall-pajjiż fil-produzzjoni tal-enerġija, filwaqt li tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għarfien bejn l-Istati Membri.<br>Barra minn hekk, nirrakkomandaw li tingħata prijorità lill-azzjonijiet fi ħdan il-qafas tal-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" li jikkontribwixxu l-aktar għall-indipendenza enerġetika. |
| **Ġustifikazzjoni:**<br>Mil-lat politiku, ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex tipproteġi l-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha minn kriżijiet ġeopolitiċi potenzjali. Hija tgħin ukoll biex jiġu protetti l-valuri Ewropej u d-demokrazija billi tippermetti lill-UE taqta' r-rabtiet ma' gvernijiet korrotti. Fl-istess ħin, hija tista' tgħin il-leġiżlazzjoni tal-UE timxi aktar malajr, peress li l-Ewropa jkollha aktar libertà li tistabbilixxi l-istandards proprji tagħha. L-iskambju tal-għarfien bejn l-Istati Membri jgħin ukoll biex jittejbu r-relazzjonijiet bejniethom.<br>Mil-lat soċjoekonomiku, dan iżid il-kompetittività tal-UE u jippermetti r-ridirezzjonar tal-flus uli jintużaw biex jitħallsu l-61 % fl-importazzjonijiet tal-enerġija (*data* mill-2019: https://ecrgroup.eu/campaign/energy_security) għal investimenti interni li jiġġeneraw aktar valur għall-UE u ċ-ċittadini tagħha. Inqas importazzjonijiet tal-enerġija minn pajjiżi terzi jkunu jirriżultaw ukoll fit-tnaqqis tal-esponiment għall-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet u t-tfixkil fis-swieq globali tal-enerġija, kif ukoll fil-ħolqien ta' aktar impjiegi fl-UE.<br>Mil-lat ambjentali, dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, tkabbir ekoloġiku, u newtralità klimatika, li kollha huma konnessi mal-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u mal-wegħdiet tal-UE dwar is-sostenibbiltà. |

## Rakkomandazzjoni Nru 4

### Nilħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika billi nsaħħu l-kapaċità ta' kulħadd li jaġixxi

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tħeġġeġ miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istandards ta' effiċjenza enerġetika, direttament jew inkella permezz ta' inċentivi qawwija għall-Istati Membri. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-isforzi jiġu kondiviżiu b'mod ġust bejn l-individwi u n-negozji, iżda wkoll bejn ir-reġjuni, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Prinċipji ewlenin:

- L-iżvilupp ta' kultura ta' effiċjenza enerġetika permezz ta' informazzjoni aħjar biex tgħinna nużaw inqas enerġija u enerġija aħjar,
- Inċentivi kundizzjonali, jgħinu lill-kumpaniji jintegraw l-effiċjenza enerġetika fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ tagħhom, filwaqt li jieħdu ħsieb li ma jdgħajfux l-SMEs,
- Il-garanzija ta' ammont minimu ta' enerġija għal kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti u l-allokazzjoni ta' proporzjon kbir ta' għajnuna lil dawk l-aktar vulnerabbli (pereżempju: self b'rata tal-imgħax negattiva). L-għan huwa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali aktar milli jiġu pperpetwati,
- Il-provvediment ta' inċentivi għall-individwi kollha, iżda fi proporzjon invers għall-introjtu tagħhom, speċjalment permezz ta' ipprezzar progressiv tal-enerġija u li jkun dipendenti fuq is-sorsi ta' enerġija.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex filwaqt li jeżistu standards ta' effiċjenza enerġetika, l-aċċessibbiltà u l-implimentazzjoni tagħhom għadhom limitati. Illum, jeżistu bosta standards ta' effiċjenza enerġetika fuq skala Ewropea (il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini, l-ekodisinn ta' prodotti u apparat, il-ġlieda kontra l-obsolexxenza programmata, id-dritt għat-tiswija, eċċ.).

Dawn huma ambizzjużi, u qed jgħinu lis-suq jevolvi, iżda l-implimentazzjoni tagħhom tvarja minn pajjiż membru għal ieħor. Huma jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi li għandhom impatt finanzjarju, jistgħu jeskludu ċerti gruppi (mhux kulħadd jista' jkollu l-modifika retroattiva tal-enerġija fid-dar tiegħu, jew jixtri l-apparat domestiku l-aktar effiċjenti), jew iwasslu għal sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta (bejn il-kumpaniji Ewropej li jirrispettaw dawn l-istandards fil-proċessi tal-produzzjoni tagħhom u l-kumpaniji barra mill-Unjoni Ewropea).

L-effiċjenza enerġetika ma għandhiex tkun lussu, jew opzjoni li xi wħud jistgħu jevitaw. L-UE jista' jkollha rwol ewlieni li tiżgura li l-effiċjenza enerġetika ttejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies, speċjalment l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli. Aħna konxji li xi wħud mill-awtoritajiet u l-amministrazzjonijiet lokali tagħna jista' jkollhom rwol ewlieni li jagħtu eżempju u jmexxu l quddiem s-suq 'il quddiem.

Aħna konxji li ċerti elementi tar-rakkomandazzjoni tagħna ma jiddependux biss fmill-Unjoni Ewropea u jirrikjedu allinjament qawwi mal-Istati Membri. Iżda l-Panel taċ-

Ċittadini huwa ż-żmien li nkunu kuraġġużi, hux hekk?

## Rakkomandazzjoni Nru 5

### Nimmaniġġjaw u nimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE

Aħna nirrakkomandaw li l-UE tiżgura l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-effiċjenza enerġetika fl-Istati Membri, peress li bħalissa huma implimentati b'mod differenti. L-aspetti għat-titjib tal-implimentazzjoni huma l-informazzjoni, il-finanzjament u s-sanzjonijiet.

Jeħtieġ li l-informazzjoni tkun aċċessibbli u speċifika għall-udjenza, pereżempju, iż-żgħażagħ jiġu indirizzati permezz tal-media soċjali jew l-anzjani permezz tat-televiżjoni, u tkun faċilment viżibbli fl-ispazji pubbliċi.

L-UE tiffinanzja biss l-Istati Membri li jkunu konformi abbażi tal-progress li jista' jitkejjel. Jeħtieġ li l-finanzjament ikun ġust, proporzjonat u ġust, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri.

Il-mekkaniżmi ta' sanzjoni diġà jeżistu, u l-Kummissjoni tista' tressaq quddiem il-qorti l-gvernijiet tal-Istati Membri li ma jkunux jikkonformaw.

Sabiex tiżdied it-trasparenza, għandu jkun hemm klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont l-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom. Fl-aħħar nett, l-UE għandha tinċentiva lill-gvernijiet nazzjonali biex jistabbilixxu "sistema ta' ħruġ ta' biljetti" sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jirrappurtaw l-iskart tal-enerġija u l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jaġixxu kif xieraq.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti minħabba li l-iżgurar tal-implimentazzjoni tad-direttivi fil-pajjiżi kollha jkollu impatt fuq iċ-ċittadini kollha tal-UE u saħansitra joffrilhom il-possibbiltà li jikkontribwixxu direttament għall-proċess ta' monitoraġġ. Barra minn hekk, jekk ikun hemm aktar armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, ikun aktar faċli li tittieħed deċiżjoni dwar miżuri ġodda fil-futur. Speċifikament dwar l-informazzjoni, is-sejba ta' modi ġodda biex jiġu inklużi strati differenti tal-popolazzjoni tista' ssaħħaħ ir-responsabbiltà kemm tal-UE kif ukoll tal-gvernijiet nazzjonali.

Huwa biss b'implimentazzjoni effettiva fil-livell tal-Istati Membri li t-trasformazzjoni fis-settur tal-enerġija u l-avvanz fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jinkisbu bil-veloċità u l-intensità meħtieġa. Jekk jintlaħqu l-istandards ta' effiċjenza f'kull Stat Membru, aktar ċittadini tal-UE jistgħu jgawdu l-benefiċċji multipli tal-effiċjenza enerġetika.

# Impjiegi u edukazzjoni

**Rakkomandazzjoni Nru 6**

**Intejbu l-istat tal-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fl-UE fis-settur tal-effiċjenza enerġetika**

Aħna nirrakkomandaw żieda fit-taħriġ f'impjiegi relatati mal-effiċjenza enerġetika. L-UE tista' toħroġ il-miżuri li ġejjin:

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu sussidji għall-individwi biex jitħarrġu f'xogħol ekoloġiku b'ħiliet speċjalizzati. L-Istat għandu jinċentiva lill-ħaddiem biex jibqa' u jaħdem fil-pajjiż għal ċertu ammont ta' żmien wara.
2. L-UE tista' tappoġġa programmi ta' skambju jew rotazzjoni għal terminu qasir bħall-programmi ERASMUS għall-istudenti u l-ħaddiema fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika (ħiliet speċjalizzati u taħriġ).
3. Sakemm jiġi solvut in-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, għandhom jinħarġu viżi għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, minn pajjiżi mhux tal-UE, biex jiġu jaħdmu fl-Istati Membri speċifiċi li joħorġu l-viżi msemmija.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex il-fatt li jkun hemm ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fil-livelli kollha tal-implimentazzjoni tal-effiċjenza enerġetika huwa kruċjali għas-suċċess tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra kollha li ħadem fuqhom il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej. Mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, l-Istati Membri ma jistgħux jittamaw li jilħqu l-għanijiet tal-effiċjenza enerġetika. Aħna nipproponu tliet miżuri, li kull waħda minnhom twieġeb għal ħtieġa differenti marbuta mal-kwalifiki tal-ħaddiema u s-suq tax-xogħol.

Miżura 1: Din il-miżura hija mmirata lejn individwi li jixtiequ jaġġornaw jew jiksbu ħiliet f'oqsma konnessi mal-effiċjenza enerġetika. Il-gvernijiet nazzjonali, billi jipprovdu sussidji għat-taħriġ, jistgħu jagħmluhom aktar aċċessibbli għal kulħadd, speċjalment il-persuni li jkunu ġejjin minn ambjenti ifqar, li inkella jistgħu ma jkunux jistgħu jinvestu l-ħin tagħhom fit-titjib jew fit-tiġdid tal-ħiliet. Madankollu, aħna nipproponu wkoll li l-Istati Membri jieħdu inkunsiderazzjoni r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ (ħaddiema li jirrilokaw barra mill-pajjiż għal paga aħjar). Il-ħaddiema li jgħaddu minn taħriġ issussidjat għandhom jiġu mħeġġa b'xi mod biex jużaw il-ħiliet ġodda tagħhom fil-pajjiż li jkun investa fit-taħriġ tagħhom. Finanzjament aċċessibbli jagħmel il-korsijiet aktar attraenti, u dan jista' jwassal biex aktar nies ifittxu impjieg f'dak il-qasam. Dan ifisser aktar esperti li jistgħu jippjanaw, jimplimentaw u jawditjaw investimenti relatati mal-effiċjenza enerġetika.

Miżura 2: Din hija inċentiva għall-Istati Membri biex jikkondividu l-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati tagħhom fuq proġetti għal terminu qasir u jiżguraw li l-Istati Membri li ma jkollhomx speċjalisti jkunu jistgħu jiżviluppaw ukoll inizjattivi għall-effiċjenza enerġetika. Dan jista' jwassal għal skambju transfruntier ta' informazzjoni u ħiliet li permezz tagħhom se jiġu promossi l-ħiliet ekoloġiċi.

Miżura 3: Aħna nirrikonoxxu l-fatt li mhux l-oqsma kollha li fihom huma meħtieġa ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati jistgħu jimtlew malajr mill-forza tax-xogħol lokali. Se jkun meħtieġ iż-żmien biex jinħoloq suq ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fl-Ewropa, għalhekk sadanittant ikun utli li jinstabu modi kif jiġu mistiedna individwi kwalifikati minn barra mill-UE.

Fil-qosor, il-kundizzjoni bażi hija li mingħajr ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, in-nies ma jistgħux jagħmlu l-bidliet biex isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

## Rakkomandazzjoni Nru 7

### Niżguraw il-futur permezz ta' edukazzjoni ekoloġika

Aħna nirrakkomandaw aktar edukazzjoni dwar kwistjonijiet ekoloġiċi u relatati mal-Effiċjenza Enerġetika. Dan jista' jsir bl-introduzzjoni tal-miżuri li ġejjin:

1. Ċertifikat Ewropew għall-effiċjenza enerġetika, li ġie mmudellat wara l-Liċenzja Internazzjonali tal-Kompjuter (ICDL), biex iħeġġeġ livell bażiku ta' għarfien fl-effiċjenza enerġetika.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċertu għadd ta' ħaddiema ekoloġiċi b'ħiliet speċjalizzati jiggradwaw minn korsijiet konnessi mal-effiċjenza enerġetika kull sena biex jiżdied l-għadd ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati ekoloġiċi fil-pajjiż. Dan il-kunċett ġie adottat fis-snin preċedenti fil-każ ta' studenti li jattendu l-universitajiet.
3. L-UE għandha tintroduċi kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jiġu organizzati biex jiġi enfasizzat il-valur tal-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati ekoloġiċi u turi li dawn huma l-impjiegi tal-futur. Dan jista' jkun immirat b'mod speċjali lejn iż-żgħażagħ biex jintwera li x-xogħol manwali jista' jkun attraenti daqs impjieg f'uffiċċju.

**Ġustifikazzjoni:**

Edukazzjoni ta' kwalità hija l-bażi ta' kwalunkwe bidla sinifikanti. Aħna nipproponu tliet miżuri, li kull waħda minnhom twieġeb għal ħtieġa differenti marbuta mal-edukazzjoni: in-nuqqas ta' għarfien ġenerali dwar l-Effiċjenza enerġetika, iż-żgħażagħ li ma jidħlux fit-taħriġ vokazzjonali meħtieġ biex jiġu appoġġati l-inizjattivi għall-effiċjenza enerġetika u t-tibdil tal-perċezzjoni dwar il-karrieri meħtieġa biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija, sabiex isiru aktar attraenti.

L-ewwel nett, il-grupp jaqbel li b'mod ġenerali jinħtieġ aktar għarfien dwar l-effiċjenza enerġetika. L-għarfien ibaxxi l-livell limitu biex isiru għażliet dwar l-Effiċjenza Enerġetika fuq livell individwali u nazzjonali. Dan jista' jaħdem bħala suġġett tal-iskola, kors professjonali meħtieġ jew kors universitarju. B'mod ġenerali, aħna nagħtu parir li l-kors ikun konness ma' inċentiv għal kull livell li fih tista' tieħu l-kors.

It-tieni nett, fil-passat, il-miri tal-universitajiet Ewropej urew li l-miri Ewropej jinċentivaw lill-Istati Membri biex jagħtu aktar attenzjoni lil ċerti oqsma fl-edukazzjoni. Dawn il-miri fil-qasam tat-taħriġ dwar l-Effiċjenza Enerġetika eventwalment se jwasslu għal żieda fl-għadd ta' persuni li jidħlu fit-taħriġ vokazzjonali. Fi kliem ieħor, billi tistabbilixxi miri għall-Istati Membri, l-UE tpoġġihom taħt pressjoni biex iżidu l-ammont ta' persuni f'oqsma relatati mal-Effiċjenza Enerġetika. B'dan il-mod, il-gvernijiet ikunu direttament responsabbli għall-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati.

Fl-aħħar nett, din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex il-mod kif in-nies jipperċepixxu l-ħidma fix-xogħol manwali u f'oqsma tekniċi jeħtieġ li jinbidel għall-aħjar. Il-kampanji jistgħu juru kif jidhru l-oqsma differenti tax-xogħol, filwaqt li juru li x-xogħol fiżiku huwa kruċjali, jagħti perspettivi futuri tajbin u ma għandux għalfejn ikun inqas interessanti minn xogħol f'uffiċċju.

# Infrastruttura

**Rakkomandazzjoni Nru 8**

**Nottimizzaw u niżviluppaw is-sistema tal-grilja mill-produttur sal-utent finali favur sorsi ta' enerġija rinnovabbli**

Aħna nirrakkomandaw li l-KE tipprijoritizza l-ottimizzazzjoni tal-grilja:

1. Tittejjeb is-sigurtà u l-affidabbiltà tal-enerġija permezz ta' investiment fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ir-riċerka dwar il-ħżin tal-enerġija u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni intelliġenti.
2. Jiġi abbozzat pjan ta' investiment li jkun jinkludi linji gwida għall-Istati Membri lejn it-titjib tal-grilja fil-livell lokali u transfruntier.
3. Tiġi żviluppata l-grilja filwaqt li jiġu kkunsidrati l-possibbiltajiet u l-vantaġġi taċ-ċentralizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni. L-opzjoni l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija għandha tiġi implimentata fuq bażi ta' każ b'każ.
4. Jiġu implimentati mekkaniżmi li jimmonitorjaw l-użu adegwat tal-finanzjament u li jinfurzaw ir-regoli tal-UE, sabiex l-utent finali jkun jista' jesperjenza l-benefiċċju sħiħ tal-investiment u l-kumpaniji jkunu jistgħu jkunu konformi.
5. L-Istati Membri jiġu mħeġġa jassistu liċ-ċittadini fl-użu ta' metri intelliġenti u ta' sorsi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, kif ukoll jimplimentaw inċentivi finanzjarji għall-fornituri u l-konsumaturi biex jutilizzaw prattiki effiċjenti fl-użu tal-enerġija; jikkunsidraw il-possibbiltà li joħolqu qafas għaċ-ċittadini biex jaħżnu u jipproduċu l-enerġija.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex l-ottimizzazzjoni tal-grilja biex jiġu akkomodati sorsi ta' enerġija rinnovabbli twassal għal benefiċċji numerużi kemm għall-produtturi kif ukoll għall-utenti finali. L-ottimizzazzjoni tas-sistemi tal-grilja ssaħħaħ l-effiċjenza enerġetika u tippromwovi l-adozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. It-trasport, il-ħżin u l-użu effiċjenti tal-enerġija huma żgurati permezz ta' dan l-approċċ. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-grilja jrawwem prezzijiet stabbli tal-enerġija, jinkoraġġixxi l-użu ta' apparat intelliġenti, u jiffaċilita provvista tal-enerġija mingħajr xkiel.

Il-konsumaturi u l-fornituri jibbenefikaw mill-ottimizzazzjoni u l-iżvilupp tal-grilja permezz ta' sistemi ta' ġestjoni intelliġenti. Il-konsumaturi jistgħu jaċċessaw informazzjoni siewja dwar il-konsum tal-enerġija, il-fornituri jistgħu jimmonitorjaw aħjar id-domanda u l-effiċjenza tal-produzzjoni, u s-sistemi tal-ħżin jistgħu jikkomplementaw il-proċess ta' modernizzazzjoni.

Billi tinċentiva l-effiċjenza enerġetika u timminimizza t-telf tal-enerġija, l-ottimizzazzjoni tal-grilja mhux biss tnaqqas l-ispejjeż iżda tippromwovi wkoll is-sostenibbiltà ambjentali. L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-enerġija jgħinu biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi u jnaqqsu l-influwenza tal-korporazzjonijiet. Il-bidla fil-mentalità tagħna lejn l-effiċjenza

enerġetika hija imperattiva għall-implimentazzjoni mifruxa u l-involviment taċ-ċittadini.

Barra minn hekk, l-immodernizzar tal-grilji huwa allinjat mal-objettivi tal-UE fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u t-tranżizzjoni lejn settur tal-enerġija dekarbonizzat. Bl-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ, se nkunu qed nipproduċu aktar enerġija, inkunu aktar effiċjenti fl-Ewropa u inqas dipendenti fuq sorsi barranin. Fl-aħħar nett, dan is-settur ġdid se jwassal għal opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jtejjeb il-pożizzjoni tal-UE bħala attur globali f'sistema tal-enerġija aktar ġusta.

## Rakkomandazzjoni Nru 9

**Ngħinu liċ-ċittadini tal-UE jiżviluppaw komunitajiet tal-enerġija li jkunu ffukati fuq l-effiċjenza enerġetika billi nipprovdu informazzjoni u appoġġ finanzjarju**

Aħna nirrakkomandaw:

1. Li titħeġġeġ l-informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-viżibbiltà tal-komunitajiet tal-enerġija attwali. B'mod speċifiku, nistgħu nagħmlu l-informazzjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija li tkun tinftiehem u li tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE, jew nistgħu naqsmu prattiki tajbin rigward il-komunitajiet tal-enerġija fl-UE.
2. Li jiġi vvalutat ekonomikament l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb permezz tal-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija effiċjenti. Preċiżament, nistgħu niżviluppaw mekkaniżmi ineżistenti attwali, jew sistema ta' ċertifikati tal-effiċjenza enerġetika.
3. Li tingħata għajnuna lill-awtoritajiet pubbliċi lokali biex jappoġġaw finanzjarjament l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' komunitajiet effiċjenti fl-enerġija. B'mod aktar speċifiku, huma jistgħu jużaw il-fondi li jkunu ġejjin direttament mill-UE (pereżempju, il-fond FEDER).

Ladarba dawn il-komunitajiet ikunu operattivi, il-prijorità tkun li l-effiċjenza enerġetika ssir il-prinċipju prinċipali tal-komunità. B'mod speċifiku, nistgħu niżolaw il-bini, nintroduċu teknoloġiji ġodda, u niżviluppaw sistemi ta' tisħin u tkessiħ komunali.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti għaliex komunità tal-enerġija hija bbażata fuq inizjattivi taċ-ċittadini jew lokali. Madankollu, in-nuqqas ta' informazzjoni preċiża rigward il-funzjonament u l-finanzjament ta' komunitajiet tal-enerġija jista' jiskoraġġixxi lil xi ċittadini milli jiżviluppaw dawn il-komunitajiet. Barra minn hekk, il-komunitajiet tal-enerġija eżistenti mhumiex de facto effiċjenti u ċ-ċirkostanzi ġeografiċi u finanzjarji tal-Istati Membri tal-UE xi drabi huma differenti ħafna. Għalhekk, jeħtieġ li nagħmlu l-informazzjoni rilevanti aċċessibbli għal kulħadd, kif ukoll li nsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, biex eventwalment niżviluppaw komunitajiet effiċjenti fl-enerġija.

Wieħed mill-prinċipji ta' komunità tal-enerġija effiċjenti huwa li tiġi evitata l-ħela tal-enerġija. Illum, in-nuqqas ta' distributuri tal-enerġija fis-sistemi tal-komunità tal-enerġija huwa ostaklu biex jinkiseb skart żero. Jeħtieġ li niżguraw li l-atturi privati jiġu mħeġġa jingħaqdu mal-komunitajiet tal-enerġija. Pereżempju, il-Kummissjoni Ewropea tista' tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu ċertifikati tal-effiċjenza enerġetika lil kumpaniji privati jekk ikunu qed jaħdmu mal-komunitajiet tal-enerġija. Jeħtieġ ukoll li niffukaw fuq l-impatt pożittiv ekonomiku tan-nuqqas ta' konsum tal-enerġija. Aħna nqisu wkoll li jeħtieġ li nipprezzaw b'mod ġust l-eċċess tal-enerġija li tiġi prodotta mill-komunitajiet.

Aħna nqisu li l-awtoritajiet pubbliċi lokali huma l-atturi l-aktar addattati biex jinvestu xi wħud mill-fondi tal-UE li jirċievu biex jappoġġaw lill-komunitajiet tal-enerġija, peress li aħna nqisu li ċ-ċittadini se jafdaw aktar lill-awtoritajiet pubbliċi lokali tagħhom, milli l-gvern nazzjonali. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi lokali għandhom iżommu f'moħħhom li l-komunitajiet tal-enerġija jridu jibqgħu finanzjarjament aċċessibbli għal kulħadd, billi jiddistribwixxu l-fondi liċ-ċittadini abbażi tal-introjtu tagħhom. Barra minn

hekk, il-fondi mmaniġġjati mill-awtoritajiet lokali jistgħu jgħinu liċ-ċittadini jaċċessaw l-għarfien espert biex itejbu l-effiċjenza enerġetika tal-komunitajiet tagħhom, minflok ma jinvestu l-iffrankar proprju tagħhom jew tal-komunità. Barra minn hekk, għandna nagħtu wkoll is-setgħa direttament liċ-ċittadini fi ħdan il-komunitajiet tal-enerġija biex jiksbu aċċess dirett u jimmaniġġjaw dawk il-fondi tal-UE.

Fl-aħħar nett, ladarba dawn it-tliet elementi preċedenti jkunu jistgħu jiġu pprovduti, għandna niżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija jpoġġu l-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fiċ-ċentru tal-iżvilupp tagħhom, billi jiżolaw il-bini u jiżviluppaw sistemi ta' tisħin u tkessiħ li jkunu jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-ammont ta' enerġija moħlija.

## Rakkomandazzjoni Nru 10

**Niżviluppaw komunitajiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal konsum responsabbli u żieda fil-produzzjoni tal-enerġija lokali**

Aħna nirrakkomandaw li jiġu inċentivati komunitajiet tal-enerġija fl-Istati Membri kollha.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw biex jipprovdu finanzjament u għarfien espert sabiex jappoġġaw il-komunitajiet tal-enerġija. L-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu l-ixprunaturi ta' din il-bidla.

Aspett ewlieni tal-inċentivar tal-komunitajiet tal-enerġija huwa l-istabbiliment ta' miri ċari fid-Direttiva Ewropea dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-2030. Il-monitoraġġ obbligatorju tal-produzzjoni tal-enerġija fil-komunitajiet tal-enerġija jista' jipprovdi *data* siewja għall-monitoraġġ tal-progress u għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib, leġiżlazzjoni ġdida, u objettivi ta' politika. Huwa essenzjali li s-sorsi tal-enerġija jiġu diversifikati f'kull Stat Membru abbażi tal-karatteristiki u r-riżorsi uniċi tagħhom. Nirrakkomandaw li jitnaqqas il-konsum bl-użu ta' teknoloġija intelliġenti (pereżempju, dwal LED, sistemi ta' tisħin effiċjenti).

L-UE għandha tiffoka wkoll fuq:

- Bidliet sistemiċi li jippermettu lin-nies japplikaw il-Prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel",
- Il-promozzjoni tal-enerġija lokali u rinnovabbli,
- L-inċentivar tas-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni minn età bikrija u l-involviment taċ-ċittadini.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti biex nipproteġu l-ambjent tagħna u nippreservaw il-pjaneta tagħna, mhux biss għalina, iżda wkoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Id-dipendenza fuq il-komunitajiet tal-enerġija lokali se żżid is-sigurtà tal-enerġija u l-indipendenza enerġetika fl-Ewropa, filwaqt li trawwem paradigma differenti tal-produzzjoni u l-konsum.

Din ir-rakkomandazzjoni tista' tiżgura li kulħadd fl-Ewropa jkollu l-mezzi biex jiġġieled kontra l-faqar enerġetiku bl-għajnuna tal-komunitajiet tal-enerġija. Din ir-rakkomandazzjoni tista' sservi mhux biss bħala soluzzjoni għall-effiċjenza enerġetika, iżda wkoll bħala mod kif tiġi ffjorita l-ħajja fil-komunitajiet lokali, filwaqt li trawwem il-parteċipazzjoni soċjali u d-demokrazija għal kulħadd inkluż.

# Bini

**Rakkomandazzjoni Nru 11**

| **Nespandu l-implimentazzjoni tal-effiċjenza enerġetika fil-bini** |
|---|
| Aħna nirrakkomandaw li l-UE tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw li sinifikattivament aktar bini ssirlu rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-fokus għandu jkun fuq il-bini residenzjali.<br>L-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati biex jiffaċilitaw ir-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali, li fih ikunu jgħixu persuni b'introjtu baxx. Il-kompetizzjonijiet fil-livell nazzjonali jkunu jistgħu jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet trasferibbli tajbin (proġetti tal-mudell).<br>L-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu mitluba joffru ħelsien mit-taxxa għas-sidien tal-proprjetajiet, li fihom il-biċċa l-kbira mill-kinkwilini jkunu taħt ċertu introjtu. Dan ikun inċentiv tajjeb biex id-djar jiġu rinnovati. Irid jiġi żgurat li dan ikun fl-interess kemm tal-inkwilini kif ukoll tas-sidien tal-proprjetà. B'mod partikolari, irid jiġi evitat li l-inkwilini jiġu żgumbrati sabiex jiġu ċċarġjati kirjiet ogħla.<br>Kull ċittadin tal-UE (kemm jekk inkwilin kif ukoll jekk sid) għandu jkollu l-opportunità li jikseb parir bla ħlas dwar is-sitwazzjoni speċifika tal-enerġija f'daru (aġenzija b'punt uniku ta' servizz). Ir-rakkomandazzjoni tinkludi wkoll opzjonijiet ta' appoġġ u sussidju biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-enerġija. |
| **Ġustifikazzjoni:**<br>Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti, għaliex:<br>● Diġà hemm direttivi numerużi tal-UE għall-bini pubbliku (l-EED), għall-bini mhux residenzjali (l-EPBD li ġiet adottata dan l-aħħar) u għall-bini ġdid ta' kull tip (l-EPBD). Għalhekk il-fokus fuq il-bini residenzjali.<br>● Id-direttivi tal-UE jistgħu jkunu effettivi biss jekk ikun hemm ukoll implimentazzjoni nazzjonali u lokali li tkun tilħaq lis-sidien tad-djar individwali.<br>● F'ħafna Stati Membri tal-UE, il-persuni b'introjtu baxx spiss ikunu jgħixu fi djar bi standards tal-enerġija partikolarment ħżiena, kundizzjonijiet strutturali ħżiena, u spejjeż għoljin tal-enerġija. |

# Trasport

**Rakkomandazzjoni Nru 12**

| **Inżidu l-attraenza tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri** |
|---|
| Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea twettaq studji regolari biex issaħħaħ l-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-trasport tal-passiġġieri urbani u suburbani fl-Istati Membri kollha.<br><br>Dan l-istudju għandu jkun jinkludi inventarju komprensiv u valutazzjoni tal-elettrifikazzjoni u l-attraenza tas-sistemi tat-trasport pubbliku. Dan l-approċċ għandu jippermetti l-identifikazzjoni ta' lakuni u nuqqasijiet fis-sistemi eżistenti u għandu jenfasizza prattiki eżemplari li jistgħu jiġu adottati mill-Istati Membri.<br><br>Abbażi tar-riżultati tal-istudju, il-Kummissjoni Ewropea tista' tistabbilixxi firxa ta' sussidji għall-Istati Membri biex jinvestu fit-titjib tal-attraenza u l-elettrifikazzjoni tas-sistemi tat-trasport tagħhom kif meħtieġ. L-istudju għandu jservi bħala parametru referenzjarju għas-sitwazzjoni attwali u se jassisti lill-Kummissjoni Ewropea tfl-istabbiliment ta' miri għall-Ewropa kollha kemm hi. Il-monitoraġġ regolari għandu jiffaċilita t-titjib kontinwu tal-prestazzjoni tas-sistema u ż-żidiet fl-effiċjenza enerġetika. |
| **Ġustifikazzjoni:**<br><br>Din ir-rakkomandazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ il-kwalità tal-ħajja billi jiġi ottimizzat it-trasport pubbliku, li huwa essenzjali għall-attivitajiet ta' kuljum u huwa aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija minn karozzi individwali. Permezz ta' dan l-istudju, nantiċipaw eżiti prattiċi li se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-effiċjenza enerġetika. Għalkemm it-trasport pubbliku huwa aktar effiċjenti mill-karozzi individwali, in-nuqqas ta' użu tiegħu jissuġġerixxi li hemm ostakli li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-Kummissjoni Ewropea trid tinvestiga r-raġunijiet għal dan in-nuqqas ta' użu.<br><br>Billi nagħmlu t-trasport pubbliku aktar effiċjenti, konvenjenti u aċċessibbli, nistgħu ntejbu l-kwalità tal-konnessjonijiet u nnaqqsu l-impatti ekonomiċi u tas-CO2, u għaldaqstant inħeġġu aktar nies jagħżlu t-trasport pubbliku minflok il-vetturi privati. Barra minn hekk, meta tiġi kkunsidrata l-konċentrazzjoni għolja tal-popolazzjoni f'żoni urbani, l-istudju jista' jipproponi trasport ikkombinat imfassal apposta għall-futur, li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika li hija meħtieġa b'mod urġenti fid-dawl tat-tibdil fil-klima. Il-valur miżjud ta' dan l-approċċ huwa li jikkunsidra t-trasport individwali u kollettiv, kif ukoll l-evoluzzjonijiet futuri tal-modi tat-trasport. Huwa joffri informazzjoni intuwittiva dwar każijiet speċifiċi li ġew osservati fi Stati Membri differenti tal-UE. |

## Rakkomandazzjoni Nru 13

**Nipprovdu t-trasport l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-Ewropa kollha: Inneħħu l-merkanzija mit-triq, inneħħu n-nies mill-ajruplani, u nintroduċu l-"prinċipju l-ferrovija tiġi l-ewwel"**

Aħna nirrakkomandaw li l-kumpaniji u n-nies jiġu inċentivati jużaw il-ferrovija biex ikunu aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għal dan l-għan, nirrakkomandaw li:

1. Jiġu elettrifikatii l-linji tal-ferrovija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju.
2. Tiġi mmodernizzata l-infrastruttura ferrovjarja.
3. Jiġi diġitalizzat l-ippjanar tal-vjaġġi u x-xiri tal-biljetti biex tiġi ottimizzata l-esperjenza tal-klijenti.
4. Jiġu stanardiati l-ferroviji bejn l-Istati Membri u jiġu integrati s-sistemi tat-trasport lokali.
5. Jiġu adattati l-iskedi biex jiġu żgurati ħinijiet tal-ivvjaġġar aktar rapidi.
6. Jiġi promoss l-ivvjaġġar bil-ferrovija biex jikkompeti ma' dak tal-linji tal-ajru u x-xarabanks fuq distanzi qosra.
    - Ħinijiet tal-ivvjaġġar aktar rapidi b'ferroviji ta' veloċità għolja.
    - Faċilitajiet aħjar, pereżempju, karozzi li jservu l-ikel, wi-fi, vaguni għall-irqad, eċċ.
    - Li jkunu permessi bagalji akbar u roti fil-ferroviji kollha.
7. Li jimtlew il-ferroviji permezz ta' prezzijiet affordabbli.
    - Promozzjonijiet tat-tipi ta' biljett speċjali: biljetti għall-familji, l-istudenti, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, il-gruppi b'introjtu baxx.
    - L-ipprezzar tal-merkanzija jsir affordabbli.
8. Li jinfetħu linji ferrovjarji dekummissjonati: il-linji magħluqa jinsabu abbandunati.
9. Li jiġu konnessi l-periferiji tal-UE.
10. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dawn is-suġġerimenti kollha, nirrakkomandaw li jiżdiedu l-investiment u s-sussidji:
    - Jitħeġġeġ l-investiment privat għal terminu qasir filwaqt li jinżammu s-sjieda u l-kontroll pubbliku ġenerali.
    - Jiġu ntaxxati l-fjuwils fossili, inkluż il-fjuwil tal-avjazzjoni.

**Ġustifikazzjoni:**

Din ir-rakkomandazzjoni hija importanti, għaliex l-ivvjaġġar bil-ferrovija u l-moviment tal-merkanzija huma oqsma ewlenin li fihom jista' jsir titjib rapidu fl-effiċjenza enerġetika. Il-futur tal-ekoloġija, l-ekonomija u t-teknoloġija tagħna jirrikjedi li naġixxu. Għalhekk, nirrakkomandaw li t-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija jsir aktar attraenti u effiċjenti. Biex niksbu dan, jeħtieġ li naġixxu fil-livell Ewropew.

# Riżultati tal-valutazzjoni miċ-ċittadini tal-Panel

| Le. | Titlu tar-rakkomandazzjoni | Livell ta' appoġġ | Rata ta' approvazzjoni |
|---|---|---|---|
| 8 | Nottimizzaw u niżviluppaw is-sistema tal-grilja mill-produttur sal-utent finali favur sorsi ta' enerġija rinnovabbli | 5,25 | 96 % |
| 3 | Inżidu l-indipendenza u l-effiċjenza enerġetika, li ssir eżempju globali | 5,18 | 92 % |
| 9 | Ngħinu liċ-ċittadini tal-UE jiżviluppaw komunitajiet tal-enerġija li jkunu ffukati fuq l-effiċjenza enerġetika billi nipprovdu informazzjoni u appoġġ finanzjarju | 4,96 | 91 % |
| 11 | Nespandu l-implimentazzjoni tal-effiċjenza enerġetika fil-bini | 4,89 | 90 % |
| 4 | Nilħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika billi nsaħħu l-kapaċità ta' kulħadd li jaġixxi | 4,87 | 87 % |
| 12 | Inżidu l-attraenza tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri | 4,83 | 91 % |
| 2 | Niffinanzjaw dritt ġust għar-rinnovazzjoni tad-djar relatata mal-enerġija | 4,73 | 87 % |
| 1 | Nagħtu s-setgħa lill-konsumaturi biex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija | 4,71 | 84 % |
| 10 | Niżviluppaw komunitajiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija għal konsum responsabbli u żieda fil-produzzjoni tal-enerġija lokali | 4,64 | 84 % |
| 13 | Nipprovdu t-trasport l-aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-Ewropa kollha: Inneħħu l-merkanzija mit-triq, inneħħu n-nies mill-ajruplani, u nintroduċu l-"prinċipju l-ferrovija tiġi l-ewwel" | 4,55 | 79 % |
| 6 | Intejbu l-istat tal-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fl-UE fis-settur tal-effiċjenza enerġetika | 4,49 | 82 % |
| 7 | Niżguraw il-futur permezz ta' edukazzjoni ekoloġika | 4,48 | 82 % |
| 5 | Nimmaniġġjaw u nimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE | 4,19 | 72 % |